# Il-Ħanex (Pinworm/Threadworm)

**Introduzzjoni**

Il-ħanex huwa tip ta' dudu ċilindriku (roundworm) żgħir (5-13 mm), irqiq u abjad li xi kultant jgħix fil-kolon u r-rektum tal-bniedem, meqjus bħala l-uniku ospitant. Waqt li l- persuna infettata tkun rieqda, ħniex femminili joħorġu mill-imsaren mit-toqba tar- rektum u jbidu l-bajd tagħhom fuq il-ġilda tal-madwar.

L-infezzjoni tal-ħanex hija waħda mill-infezzjonijiet tal-ħniex tal-imsaren l-aktar komunimadwar id-dinja u tista' taffettwa persuni ta' kull età u ta' kull livell soċjoekonomiku. L-infezzjoni tal-ħanex isseħħ l-aktar f'ċentri għall-indukrar tat-tfal, u fi tfal ta' qabel l- età tal-iskola u tal-età tal-iskola, minħabba li l-bajd mikroskopiku jinfirex b'mod faċli bejn it-tfal. Persuni istituzzjonalizzati, u membri tal-familja u caretakers b'infezzjoni tal-ħanex huma aktar suxxettibbli li jiġu infettati.

It-trattament jinvolvi mediċini li jittieħdu b'mod orali li joqtlu l-ħniex u ħasil bir-reqqa ta' piġami, bjankerija tas-sodda u ħwejjeġ ta' taħt. Għall-aħjar riżultati, għandhom jiġutrattati l-membri tal-familja kollha.

**X'inhuma s-sintomi ta' infezzjoni tal-ħanex?**

Il-maġġoranza ta' persuni infettati bil-ħniex ma jkollhomx sintomi, iżda xi wħud jesperjenzaw ħakk anali li jista' jwassal għal nuqqas ta' kwiet fil-ġisem u diffikultà fl- irqad. Sintomi ta' infezzjoni tal-ħanex huma normalment ħfief, u jistgħu jinkludu wkolluġigħ addominali u dardir intermittenti. Infezzjonijiet tipiċi tal-ħanex ma jikkawżawx problemi serji.

**Kif tinfirex l-infezzjoni tal-ħanex?**

L-infezzjoni tal-ħanex tinfirex permezz tar-rotta fekali-orali, jiġifieri permezz tat- trasferiment ta' bajd infettiv tal-ħanex mit-toqba tar-rektum għall-ħalq ta' persuna, jew direttament bl-idejn jew indirettament permezz ta' ħwejjeġ, friex, ikel jew oġġetti oħra kontaminati. Minħabba d-daqs mikroskopiku tagħhom, il-bajd tal-ħanex xi kultantjistgħu jiġu trażmessi mill-arja u jinbelgħu man-nifs. Inġestjoni jew teħid man-nifs aċċidentali ta' bajd tal-ħanex iwasslu għal infezzjoni, billi, ladarba jinbelgħu, il-bajd ifaqqas fl-imsaren u jimmatura fi ħniex adulti fi żmien ftit ġimgħat.

Ħniex femminili jimxu lejn il-parti anali biex ibidu l-bajd tagħhom, li ħafna drabi jirriżulta f'ħakk anali. Permezz ta' dan il-ħakk, il-bajd jeħel mas-swaba' u jidħol taħt id-dwiefer. Il-bajd imbagħad jiġi trasferit lejn uċuħ oħra, bħal ġugarelli, ħwejjeġ jew sedilitat-tojlit. Il-bajd jista' jiġi trasferit ukoll minn swaba' kontaminati għall-ikel, likwidi, ħwejjeġ jew persuni oħra. Bajd

tal-ħniex jista' jgħix għal ġimagħtejn sa tliet ġimgħat fuqħwejjeġ u uċufi ofira, inklużi ġugarelli, viti u sedili tat-tojlit.

**Kif tiġi dijanjostikata infezzjoni tal-ħanex?**

Ħakk matul il-lejl fil-parti perianali juri li hemm probabbiltà kbira li dak li jkun ikollu l- infezzjoni tal-ħanex. Id-dijanjożi ssir permezz tal-identifikazzjoni tal-ħanex jew il-bajd tiegħu. Xi kultant il-ħniex jidhru fuq il-ġilda fidejn it-toqba tar-rektum jew fuq il-ħwejjeġta' taħt, il-piġami jew il-lożor.

Il-bajd tal-ħanex jista' jinġabar u jiġi eżaminat permezz tat-"test tat-tejp" malli l- persuna tqum filgħodu. Dan isir billi tingħafas il-parti adeżiva ta' tejp ċar u trasparenti mal-ġilda ta' madwar it-toqba tar-rektum. Il-bajd jeħel mat-tejp u t-tejp jista' jitqiegħed fuq pjastra u jiġi eżaminat taħt mikroskopju. Minħabba li l-ħasil jew l-ippurgar jista' jneħħi l-bajd minn mal-ġilda, dan it-test għandu jsir malli l-persuna tqum filgħodu qabel ma tinħasel, tmur it-tojlit jew tilbes. Jista' jagħti l-każ li t-"test tat-tejp" ikun meħtieġ li jsir fuq tliet ġranet konsekuttivi biex tiżdied il-possibbiltà li jinstab bajd tal-ħanex.

**Kif tiġi trattata l-infezzjoni tal-ħanex?**

L-infezzjoni tal-ħanex tista' tiġi trattata b'mediċini antelmintiċi / antiparasitiċi bħall- Mebendazole. Ikkonsulta t-tabib tiegħek qabel ma tittratta każ issuspettat ta' infezzjoni tal-ħanex.

It-trattament jinvolvi żewġ dożi separati ta' medikazzjoni meħuda b'intervall ta' ġimagħtejn. Għalhekk l-ewwel doża tittieħed fl-1 ġurnata u t-2 doża tittieħed fl-14-il ġurnata biex jinqatel kwalunkwe bajd li jkun fadal. Huwa rakkomandat ukoll li l- kuntatti u caretakers domestiċi kollha tal-persuna infettata jiġu trattati fl-istess ħin. Infezzjoni mill-ġdid tista' sseħħ faċilment għalhekk hija essenzjali osservanza stretta ta' iġjene tajba tal-idejn.

**Prevenzjoni ta' infezzjoni tal-ħanex**

Il-ħasil tal-idejn u l-iġjene huma essenzjali bħala l-aktar mezz effettiv ta' prevenzjoni. L- idejn għandhom jinħaslu regolarment bis-sapun u l-ilma sħun, b'mod speċjali wara l- użu tat-tojlit, il-bdil tal-firieqi u qabel ma jintmess l-ikel. Id-dwiefer tas-swaba' tal-idejn għandhom jinżammu nodfa u qosra, u għandu jiġi evitat il-gdim ta' dawn id-dwiefer u l-ħakk tal-ġilda fil-parti perianali. It-tfal għandhom jiġu mgħallma l-importanza tal-ħasil tal-idejn biex tiġi prevenuta l-infezzjoni. Mhuwiex rakkomandat l-użu tal-istess ilma tal- banju minn diversi persuni billi dan jista' jiġi kontaminat bil-bajd.

**Miżuri li għandek tieħu**

**Inħasel filgħodu.** Minħabba li l-ħniex ibidu l-bajd tagħhom bil-lejl, il-ħasil tal-parti anali filgħodu jista' jgħin biex jitnaqqas in-numru ta' bajd tal-ħanex fuq ġismek. Li tinħasel jista' jgħin biex tiġi evitata l-possibbiltà ta' kontaminazzjoni mill-ġdid fl-ilma tal-banju.


Infectious Disease Prevention and Control Unit, St. Luke's Square, Gwardamanġa PTA1010, Malta
Tel: (+356) 2326 6109/122/309/185 Email: diseasesurveillance.health@gov.mt

- **Biddel il-ħwejjeġ ta' taħt kuljum,** u l-piġami**,** ix-xugamani u l-friex b'mod regolari biex tgħin biex jitneħħa l-bajd. Evita l-użu ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l- oġġetti minn persuni oħrajn.
- **Aħsel fuq ċiklu jaħraq.** Aħsel il-friex, il-piġami, il-ħwejjeġ ta' taħt, ingwanti għall- ħasil u xugamani f'ilma jaħraq biex tgħin biex jinqatlu l-bajd tal-ħanex. Nixxef fuq temperatura għolja.
- **Tħokkx.** Evita l-ħakk tal-parti anali. Aqta' d-dwiefer tat-tifel/tifla tiegħek biex ikun hemm inqas spazju fejn jinġabar il-bajd. Skoraġġixxi l-gdim tad-dwiefer.
- **Aħsel idejk.** Biex tnaqqas ir-riskju tiegħek li tiġi infettat jew li xxerred infezzjoni, aħsel idejk sew wara li tkun ippurgajt jew wara li tbiddel ħarqa u qabel ma tiekol.

***Jekk tixtieq aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja***
***t-Taqsima għall-Prevenzjoni ul-Kontroll ta' Mard Infettiv***
***(Infectious Disease Prevention and Control Unit)***
***fuq 23266109, 23266122***
***(mit-Tnejn sal-Gimgħa mit-8am sas-2pm)***